Soċjetà Mużikali

San Lawrenz

Belt Vittoriosa *A.D. 1883*

Prosit u Grazzi!

Il-Banda tagħna fi żjara li għamlet ġewwa l-Belġju

Ħarġa Speċjali **Nru 61 - Għeluq l-10 Ssena** **Jannar - Frar 2011**

Każin tal-Banda San Lawrenz

Snack Bar • Cafeteria • Take Away

Propretarji Charles u Uliana Boxall

• Bar miftuħ kuljum • Atmosfera ta' ħbieb

• Apetizers ta' kull kwalità

Jaċċetta Bookings għal Coffee Mornings u Afternoon Teas

Tel: 2180 7526

FRANKA LIRA Prop. Carol Ellul

Fejn issib toys, detergents, stationery u ħafna affarijiet oħra

Kważi kollox bi prezz ta' Lira

Victory Square, Vittoriosa - Tel: 2180 7544 Mob: 7942 9165

Fava Woodworks Co. Ltd.

KW 17B, Corradino Industrial Estate, Paola
Tel: 2182 7650

Manufacturers of all types of Wooden Mouldings

Showrooms at the Factory and
80, St. Joseph High Road, Ħamrun

SPECIAL PRICES FOR FURNISHED FLATS OWNERS

Kejkijiet għall-Parties tat-tfal

Agħżel bejn Bob the Builder, Barbie, Dora,

Princess, Superman, Hello Kitty, etc.

Ċempel lil Steffi fuq 99426970 jew

e-mail: steffibugeja@yahoo.com

Soċjetà Mużikali San Lawrenz
Belt Vittoriosa

Il-Kelma tal-President

Lawrence V. Farrugia

Għalaqna għaxar snin, mill-ewwel ħarġa tal-pubblikazzjoni 'Leħen is-Soċjetà Mużikali San Lawrenz'. M'hijiex ħaġa faċili li żżomm pubblikazjoni ta' kull xahrejn għal dan it-tul taż-żmien bix-xogħol kollu jsir fil-ħin liberu ta' ndividwi, imma bħalma dejjem isir fil-Każin tagħna dawk li daħlu għal dan l-impenn kienu determinati li joħorġu ta' rġiel. Minn meta fis-sitt sena ir-responsabbiltà tal-pubblikazzjoni waqgħet f'idejn Simon Farrugia, rajna aktar progress għaliex din bdiet tiġi stampata, żdiedu n-numru ta' faċċati u l-ħarġa ta' Lulju/Awissu tkun edizzjoni speċjali bil-faċċata tal-kulur.

L-akbar sodisfazzjon tagħna huwa li permezz tan-'Newsletter' qegħdin inżommu lill-Membri u Benefatturi tagħna aġġornati b'dak li qiegħed isir fis-Soċjetà kif ukoll b'ħafna artikli interessanti li ma ssibhomx miktuba x'imkien. Il-possibiltà hija li maż-żmien din l-informazzjoni kienet tintilef. Dan l-aħħar sibt ftit ħin u fittixt ftit fil-ħargiet passati u rajt li hemm ħafna nformazzjoni li tkun utli għal meta l-quddiem tiġi aġġornata l-istorja tas-Soċjetà tagħna. Filwaqt li nirringrazzja lill-Editur, kontributuri, sponsors, dawk li jagħmlu l-korrezzjoni tal-kitba u lil min iqassam in-'Newsletter', nappella għall-għajnuna finanzjarja ħalli nkomplu ntejbu l-pubblikazzjoni u nawgura suċċess għall-ġejjieni lill-'Leħen is-Soċjetà Mużikali San Lawrenz'.

Ktibna faċċata oħra fl-istorja glorjuża tas-Soċjetà tagħna bil-mawra tal-Banda ġewwa Louvain-La-Neuve fil-Belġju. Ngħid prosit u grazzi lill-membri tal-Kummissjoni Safra, lill-membri tal-Kumitat, Bandisti u dawk li ġew magħna kif ukoll lill-Benefatturi li kienu ta' għajnuna kbira biex din l-attività tirnexxi.

Meta tasal għandkom din il-Ħarġa, jkollna Kumitat ġdid għas-snin 2011-2012. Minn din is-sena l-Kumitat huwa magħmul minn 13 il-membru li 7 minnhom jiġu eletti mill-Bandisti u Membri Propjetarji u 6 mill-Membri. Spiċċa ż-żmien li jkollok Kumitat kbir, imma b'esperjenza sibna li aħjar ikollok Kumitat iżgħar u kulħadd għandu x-xogħol tiegħu x'jagħmel. B'wiċċi minn quddiem ngħid li dawn l-aħħar sentejn kellna l-maġġoranza tal-membri tal-Kumitat jagħtu sehemhom tant li ħdimna ħafna flimkien u ħloqna ħafna attivitajiet biex żammejna l-Każin ħaj u sar ħafna xogħol fil-Każin ukoll. Ir-rapporti amministrattivi tal-2009 u l-2010 huma xhieda ta' dan. Nixtieq nesprimi l-apprezzament tiegħi lejn il-membri tal-Kumitat uxxenti għall-kontribut tagħhom filwaqt li nawgura sentejn ta' ħidma u attività lill-Membri tal-Kumitat il-ġdid.

Bdejna sena ġdida li hija opportunità jekk nagħmlu użu tajjeb minnha, kemm għalina personali kif ukoll għas-Soċjetà tagħna. Kull Membru ta' din il-Familja tal-Każin tagħna jista' jagħti s-sehem tiegħu, min b'ħaġa u min b'oħra. Għandna Każin mill-isbaħ u miżmum tajjeb ħafna. Xorta ngħid li għad għandna fejn nistgħu nirranġaw. Importanti li nibżu għal dak li għandna. Kull titjib li jsir fil-każin jirrikjedi l-flus għalkemm għandna ħafna xogħol li jsir b'xejn minn voluntiera li jħobbu l-Każin. Kif kulħadd jaf, il-Każini tal-Banda, filwaqt li żdiedulhom l-ispejjeż, naqsilhom id-dħul li kellhom mill-'amusement machines'. Għalhekk importanti li nkunu aktar ġenerużi fil-kontribuzzjonijiet tagħna u nipparteċipaw fl-attivitajiet li jiġu organizzati minn żmien għal żmien.

It-taħditiet mal-Awtoritajiet tal-Knisja dwar id-dokument għaċ-Ċelebrazzjonijiet tal-Festi Esterni ġew konkluži u fadal li jiġu approvati fil-Laqgħa Ġenerali Straordinarja tal-Għaqda Każini tal-Banda. Huwa ta' sodifazzjon għalina lis-Soċjetà tagħna ħadet sehem attiv f'dawn id-diskussjonijiet permezz tar-Rappreżentant tagħha. Wara li jiġi ppubblikat id-dokument revedut, ikun imiss li aħna flimkien ma' dawk kollha nvoluti fl-organiżazzjoni taż-żewġ festi li jsiru f'Beltna niltaqgħu biex flimkien naqblu kif se nagħmlu t-tibdil meħtieġ. Id-Dokument sejjer isaħħaħ il-Festi li tant huma popolari fost il-Maltin.

Werrej

Il-Kelma tal-President	3
Kapitolu Ġdid fil-Ħajja ta' San Lawrenz	4
Niltaqgħu mal-Avukat	5
Meta taqta' il-frott ta' dak li tkun żrajt	6
Suċċess Kbir fil-Belġju	7
Mawra tal-Banda fil-Belġju	8/9
Għalina n-Nisa	10
Kumitat tas-Soċjetà 2011-2012	11
In-Newsletter u lil hinn minnha	12
Attivitajiet Jannar/Frar	14

Editur
Simon Farrugia

Proofreading
Bjorn Callus

Ritratt Faċċata

Il-grupp tas-Soċjetà Mużikali San Lawrenz, Birgu huwa u sejjer lejn il-mawra tiegħu fil-Belġju

Stampat

Triq l-Industrija, Qormi
Tel: 21 250 994 Mob: 9949 0344
printright@onvol.net

Kapitolu Ġdid fil-Ħajja ta' San Lawrenz

jikteb George Cilia

L-Isqof Nikol Cauchi

Tajjeb li f'din il-ħarġa ta' dan il-fuljett tas-Soċjetà Mużikali San Lawrenz niftakru fl-Isqof Nikol Cauchi ta' djoċesi Għawdxija għax kien verament devot tal-qaddis tagħna. L-Isqof Nikol Ġużeppi Cauchi sar isqof ta' djoċesi t' Għawdex nhar l-24 ta' Frar 1967 meta kien għad għandu biss 39 sena, imwieled fir-rahal tal-Għarb nhar it-2 ta' Marzu 1929. Ġie ordnat qassis fil-Knisja Kattidrali t' Għawdex nhar id-29 ta' Marzu 1952 filwaqt li f'Mejju tal-istess sena l-Isqof Giuseppi Pace ħatru kappillan tal-Fontana u kien jgħallem it-Taljan, il-Filosofija u Soċjoloġija fis-Seminarju. Fis-sena 1959 beda joħroġ il-Gozo Year Book u f'Jannar 1965 inħatar ukoll Editur tal-ġurnal 'Għawdex', li hu rriforma u żied mal-isem 'Il-Ħajja f'Għawdex'. Kien ukoll awtur prolifiku li ħareg madwar mitt ktieb ppubblikat għad-dar tal-pubblikazzjonijiet ekkleżjastiċi 'Lennen Christi'. Nhar id-9 ta' April 1967 l-E.T Mons Martin O'Connor, Nunzju Appostoliku għal Malta ikkonsagrah Isqof bit-titolu tas-Sede Titulari ta' Vico di Augusto, amministratur appostoliku u awżiljarju ta' Mons. Isqof Giuseppi Pace. Il-Papa Pawlu VI ħatru bħala s-seba' Isqof t'Għawdex nhar l-20 ta' Lulju 1972, għamel l-ingress solenni fil-Kattidral tal-Assunta nhar il-10 ta' Settemrbu. L-Isqof Emeritus Nikol Cauchi miet nhar it-Tnejn 15 ta' Novembru 2010, fl-Isptar Mater Dei.

L-Isqof Cauchi fil-Birgu

Jiena sirt naf lill-Isqof Cauchi u tkellimna fiż-żewġ żjarat tiegħu fil-Birgu. Darba minnhom kien fis-sena 1968 meta kien mistieden mill-Arċipriet Dun Lawrenz Mifsud, illum Mons. tal-Kattidral ta' San Ġwann, flimkien mal-Kapitolu tagħna biex jesegwixxi l-paniġierku ta' San Lawrenz f'jum il-Festa. L-Isqof baqa' jgawdi l-festa sa filgħaxija għand familja li kienet toqgħod viċin il-pjazza. Qabel ma bdiet il-purċissjoni huwa poġġa bilqiegħda fil-bieb jieħu pjaċir b'dak li kien għaddej, jien għamilt il-kuraġġ u rsaqt nkellmu. Niftakar kont staqsejtu jekk hux diffiċli li xi darba tinġieb fostna ir-relikwija għaziza tar-Ras ta' San lawrenz, għax donnu li fil-Birgu ħadd ma ried jgħamel l-ewwel pass f'dan ir-rigward. L-Isqof weġibni li f'Għawdex ser tinġieb ir-relikwija ta' Santa Margerita, Patruna tal-parroċċa tas-Sannat, jien kull m'għamilt iffirmajt il-karti.

Fis-sena 1997 reġa' ġie mistieden mill-Kapitolu biex imexxi t-transulazzjoni tar-relikwija, li dak in-nhar saret mill-knisja ta' Santa Skolastika sal-Parroċċa f'lejliet il-Festa. F'dik is-sena ntemmet xewqa kbira tagħna billi kellna x-xorti nilqgħu fostna fil-Birgu, ir-relikwija prezzjuża tar-Ras ta' San Lawrenz. Dan l-avveniment storiku kien sar possibli bit-tħabrik tan-Nunzju Appostoliku Mons. Sebastian Laboa fi żmien l-Arċipriet Daniel Farrugia, illum missjunarju fil-Libja. Hawn jien erġajt kellimt lill-Isqof wara li spiċċat il-funzjoni, frażtlu għal kitba tiegħu bl-Ingliż fuq ġurnal ta' kull jum, jittratta diversi suġġetti reliġjużi. Kont iddiskutejt miegħu fuq suġġett attwali 'ir-Relativiżmu', li l-pubbliku in ġenerali ftit jifhem it-tifsira eżatta. Huwa weġibni bil-ħlewwa kollha li bi ħsiebu jikteb fuq hekk fiż-żmien opportun.

Imħabbtu lejn San Lawrenz

L-Isqof Nikol Cauchi kien veru devot ta' San Lawrenz meta kompla juri mħabbtu lejħ fl-Oratorio Laurentius, miktub, imxandar u ġie segwit fit-3 ta' Awwissu 2008, fl-okkażżjoni tal-1750 sena mill-martirju tal-qaddis fil-Knisja Lawrenzjana, librett tiegħu, mużika ta Mro. John Galea. Fis-sena 2008 ġie inawgurat il-monument artistiku ta' rħam fil-knisja, jfakkar din is-sena speċjali, b'koinċidenża ħabat il-125 sena mit-twaqqif tas-Soċjetà Mużikali Banda Vittoriosana San Lawrenz.

Soċjetà Mużikali San Lawrenz
Belt Vittoriosa

Isimgħu xi sbuħija ta' versi ta' mħabba esprima fi kliemu fl-introduzzjoni l-awtur tal-Oratorio Laurentius.

"San Lawrenz hu qaddis simpatiku u għad li għaddew tant sekli mill-martirju tiegħu, għadu jiġbed fuqu l-ammirazzjoni tal-insara, anke fi żminijietna".

"Sa minn ċkuniti kelli devozzjoni lejn dan il-qaddis, Levita Martri, u bħala tifel, meta kont abbati, kont nieħu sehem fil-purċissjoni tal-festa tiegħu. Bħala saċerdot, sa mill-ewwel snin wara l-ordinazzjoni tiegħi, kif ukoll bħala Isqof, kont nieħu gost nippriedka fuqu. Naħseb ukoll li San Lawrenz hu mudell mill-aqwa għas-saċerdoti".

San Lawrenz ħu ħsieb ir-ruħ għażiża tad-devot tiegħek. Agħtih, O Mulej, il-Mistrieħ ta' dejjem.

Fil-ħarga No: 60 Nov / Diċ: 2010, l-artiklu 'Kapitolu Ġdid fil-Ħajja ta' San Lawrenz' paġna 5 hija kitba ta' Ġorġ Cilia mhux ta' Lorenz Zahra.

George Cilia

Niltaqgħu mal-Avukat

F'din il-harga ddecidejt li nikteb fuq aspett li johrog minn Kapitolu 365 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan il-Kapitolu jgib l-isem ta' "Att Dwar Poteri li jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali".

Huwa interessanti li wiehed ikun jaf li b'Avviz Legali 562 tal-2010, saru regolamenti dwar Bord ta' Sorveljanza. X'inhu dan il-Bord? L-Avviz Legali jistabbilixxi t-twaqqif tal-Bord imsemmi liema bord għandu jkollu l-għamla u l-funzjonijiet stabbiliti fl-istess Avviz Legali.

L-Avviz Legali jistabilixxi illi l-Bord ta' Sorveljanza jrid ikun magħmul minn rappreżentant tal-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin li jkun Chairman, l-Avukat Ġenerali jew ir-rappreżentant tiegħu. rappreżentant ta' l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, rappreżentant mill-Ministeru responsabbli għall-Affarijiet Interni, rappreżentant tal-Ministeru responsabbli għall-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, rappreżentant tal-Ministeru responsabbli għas-servizzi tal-Kummerċ, rappreżentant tad-Dipartiment tad-Dwana, rappreżentant tal-Bank Ċentrali ta' Malta, rappreżentant ta' l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta u rappreżentant tal-Ministeru għall-Infrastruttura, Transport u Kommunikazzjoni.

M'hemmx dubju li t-twaqqif tal-Bord imsemmi għandu rwol importanti hafna. Dan jirriżulta minn min huma l-persuni li għandhom ikunu parti minnu. L-Avviz Legali jistabbilixxi li l-Bord għandu jkollu l-funzjoni li jissorvelja t-tħaddim ta' regolamenti magħmulin bis-saħħa ta' l-"Att Dwar Poteri li jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali" skond dawk id-direttivi kif provdut taħt certi artikoli bil-għan li t-twettiq ta' dawk id-direttivi jkunu konformi mat-twettiq li jsir minn Stati oħra li jkunu qegħdin iġibu fis-seħħ is-sanzjonijiet relattivi għall-istess.

Il-Bord huwa marbut li fi tmiem kull sena jew iktar qabel, jekk ikun hekk meħtieġ, jagħmel rapport dwar l-attivitajiet tiegħu lill-Prim Ministru. Regolament 3 tal-Avviz Legali msemmi jirrikjedi illi persuna tista' titlob lill-Bord ta' Sorveljanza li jagħti deciżjoni dwar jekk xi azzjoni li tkun bi ħsiebha tagħmel dik il-persuna hijiex projbita minn xi regolament partikolari maħruġ bis-saħħa ta' l-Att. Għandu jingħad li persuna ma jkollha ebda responsabbilità taħt dawk ir-regolamenti meta dik il-persuna tkun aġixxiet b'mod konformi ma' deċiżjoni simili.

Huwa importanti li wieħed jinnota li l-Avviz Legali jistabilixxi illi ebda responsabbilità, sew kriminali sew ċivili, ma għandha tinkombi fuq xi membru tal-Bord ta' Sorveljanza għal xi azzjoni li ssir bona fede minn membru ta' dak il-Bord.

Fl-ahhar nett, Regolament 5 tal-Avviz Legali 562 tal-2010 jistabbilixxi illi l-membri tal-Bord ta' Sorveljanza għandhom iqisu kull kwistjoni li huma jsiru jafu biha f'xi talba li ssir bis-saħħa tar-regolament 3 hawn fuq imsemmi, bħala li tkun sigrieta u kunfidenzjali, u ma għandhomx f'rapport li jsir, jiżvelaw l-ismijiet jew partikolarijiet oħra ta' identità li huma jistgħu jkunu jafu bihom f'dak li għandu x'jaqsam ma' talba għal-liberazzjoni negattiva li ssir skond ir-regolament 3.

Neville Camilleri
B.A., LL.D., M.A. (Fin. Serv)., Adv. Trib. Eccl. Melit

Meta taqta' l-frott ta' dak li tkun żrajt .....

minn Bjorn Callus

Din il-frażi ma tistax tiddeskrivi aħjar dak li għaddejna minnu fix-xahar li għadda. Il-mawra suċċess tal-Banda Vittoriosana San Lawrenz ġewwa l-Belġju ġiet b'riżultat tal-ħidma intensiva li saret minn xhur qabel ma wasal ix-xahar ta' Diċembru, b' mod speċjali il-viżta li delegazzjoni mis-Soċjetà kienet għamlet fil-Belġju f'Ottubru. M'inhix ser noqgħod nidħol fid-dettal tal-mawra, inħalli f'idejn sħabi biex jagħmlu dan, però xtaqt nirringrazzja lill-Kumitat kollu tas-Soċjetà għas-sapport li wera, lill-Bandisti kollha għas-servizz li taw kif ukoll għall-koperazzjoni assoluta, u fl-aħħar lill-akkumpanjaturi li litteralment segwew lill-Banda kull fejn marret. Grazzi mill-qalb.

Però, b'ħarsa lura lejn is-sena li għadha kemm spiċċat, u l-ħsibijiet tagħna mmirati lejn is-sena li ser tibda, nikkonfermaw ukoll li l-għanijiet li bħalha kumitat qed nagħmlu qegħdin jitlaħqu b'mod tajjeb ħafna. Eżempji ċari minn din is-sena huma l-iskambju suċċess u ż-żjara tal-Philharmonie Royale Concordia ġewwa Malta tul il-Festa ta' San Lawrenz 2010, żewġ Programmi Mużikali ta' livell għoli ħafna, Bini ta' Sala Ġdida u nista' nibqa' sejjer u nieħu l-ispazju kollu f'dan il-fuljett.

Personalment irrealizzajt u għadni nirrealizza kemm ikun sar xogħol f'temp ta' sena fil-każin tagħna meta niġi biex nagħmel ir-Rapport Amministrattiv tas-Soċjetà, biex jinqara fil-Laqgħat Ġenerali li jsiru fl-aħħar tax-xahar ta' Jannar. Fil-fatt, din is-sena jmiss ukoll li jinħatar Kumitat Ċentrali ġdid tas-Soċjetà Mużikali San Lawrenz. Ikolli nistqarr li mhux faċli li ssib persuni lesti li jintrigaw u jidħlu fil-Kumitati u sfortunatament l-iktar persuni li jaħarbu jiġru 'l bogħod minnek meta tavviċinhom ikunu iż-żgħażagħ. Sinċerament nemmen li m'għandux ikun hekk u li din hi ħasra. Minn naħa l-oħra nifhem ukoll li mhux kulħadd għandu l-ħin li jidħol għal ċertu committments minħabba x-xogħol tiegħu jew tagħha.

Però ovvjament ma nistgħux nibqgħu ngħidu l-istess ħaġa għad-detriment tal-każin tal-Banda f'dan il-każ. Ċert li ħafna għaqdiet oħra, anke barra l-Birgu, jinsabu jgħumu f'dan l-istess ilma. Hemm bżonn li nifhmu li l-affarijiet ma jsirux għax ir-rutina, u għalhekk jekk waslet il-Festa narmaw il-Faċċata u l-Planċier u noħorġu ndoqqu l-Banda, jekk waslet il-Ġimgħa l-Kbira narmaw il-Wirja, jekk wasal Marzu/April isir il-Kunċert Annwali u nista' nibqa' sejjer. Biex isiru u jibqgħu isiru dawn l-affarijiet hemm sforz sħiħ u siegħat twal ta' xogħol, armar, żarmar, ppjanar, kitba eċċ. Il-mentalità f'moħħna li ngħidu "U iva, mhux dejjem saret, issir din is-sena ukoll" hemm bżonn tinqata', u jekk mhux wieħed imidd idejh, l-inqas li jista' jagħmel jirrealizza li xejn ma jsir għax ilu jsir, imma għax naħdmu kemm nifilħu biex jibqa' jsir.

Ma nistax ma nsemmix ukoll l-għaxar anniversarju minn meta din in-newsletter ħarġet l-ewwel darba propju f'dan il-perjodu. Għaxar snin ta' storja kontinwa miktuba u ppubblikata. Nitgħaxxaq nara xi edizzjoni ta' snin ilu ta' dan il-fuljett, u apparti nara l-iżvilupp ta' din il-pubblikazzjoni, nieġu gost immur lura fil-memorji u nirrealizza kemm is-soċjetà u l-każin jgħaddu minn avvenimenti. Però l-ikbar sens ta' sodisfazzjon hu l-passi kbar lis-soċjetà għamlet fil-qasam tal-Media. Irnexxielna nkunu minn tal-bidu li ngħarfu l-importanza tal-media fil-ħajja tal-lum. Apparti din il-pubblikazzjoni li żammet ħaj il-kuntatt bejn il-membri u s-soċjetà, nistgħu ngħidu ukoll li ftit hawn każini li jidhru fil-media daqskemm jidher il-każin tagħna. U hawn qed nirreferi għall-ammont ta' Konferenzi Stampa li saru matul iż-żmien, kif ukoll flimkien magħhom stqarrijiet għall-istampa u kontribuzzjonijiet fil-gazzetti.

Barra minn hekk, għalkemm m'għandniex Radju tas-soċjetà on air 24/7, irnexxielna ukoll nkunu preżenti permezz ta' programm kull ġimgħa fuq La Salle FM. U hawnhekk nixtieq nieħu l-opportunità li nirringrazzja kemm lit-Tmexxija ta' La Salle FM kif ukoll lis-semmiegħa tal-programm li naf li qed iħallu feed back tajjeb. Tikkumplimenta ma' dan għandna l-websajt il-ġdida tas-Soċjetà. Frott ta' xhur ta' ħidma, ġbir ta' informazzjoni, korrezzjoni t'artikli u ħsieb rigward tqassim. Illum is-sit hu wieħed mill-aħjar li hawn f'pajjiżna mill-qasam tal-Baned u jiġi updated prattikament kull ġimgħa. Għal darb 'oħra nirringrazzja lill-dawk kollha li jidħlu jżuru dan is-sit għax tgħinuna nirrealizzaw kemm hu segwit.

Wasalt lejn l-aħħar tal-ewwel terminu tiegħu bħala Segretarju tas-Soċjetà. Personalment nħoss li qdejt dmiri b'mod sodifaċenti ħafna u nemmen ukoll li hemm setturi fejn nista' ntejjeb ix-xogħol tiegħi. Madanakollu, nixtieq nirringrazzja lill-President, lill-Simon Farrugia, lil Eugenio Pellicano u lill-dawk li prattikment nitkellem magħhom kważi kuljum. Mingħajr dawn il-persuni żgur li ma kienx jirnexxili nidħol fil-kariga u nagħmel suċċess minnha, għaldaqstant grazzi tas-sapport kontinwu. Tislijiet.

Suċċess Kbir fil-Belġju

minn Simon Farrugia – Delegat Banda

Ix-xahar ta' Diċembru jista jitqies għalina tas-Soċjetà Mużikali Banda Vittoriosana San Lawrenz bħala xahar li jitniżżel b'ittri tad-deheb fl-istorja glorjuża tas-Soċjetà u l-Banda tagħna. Dan il-għaliex bejn il-11 u 18 ta' Diċembru konna ambaxxaturi ta' pajjiżna fil-mawra li għamilna fil-Belġju.

Kienet ġimgħa impenjattiva ħafna imma li tatna sodisfazzjon kbir. Mit-tluq mill-ajruport f'Malta sakemm wasalna lura għalina tal-Kumitat fissret ħidma kontinwa sabiex dak li kien ippjanat jiġi trasmess fl-aqwa tiegħu. U fil-fatt hekk ġara.

Jekk insemmu t-tlett servizzi li għamilna nsibu li fl-ewwel wieħed dak li sar f'Nivelles ġewwa l-Katidral tal-lokal kien programm varjat b'mużika adattata għal ġo knisja li l-pubbliku preżenti laqa' b'ċapċip kbir l-esekuzzjoni tal-Banda tagħna. F'dan il-programm li sar il-Ħadd 12 ta' Diċembru wara nofs in-nhar daqqet warajna l-*Philharmonie Royale Concordia*, l-Banda Belġjana li maghha sar l-iskambju u li matul il-ġranet tal-Festa li għaddiet kienet fostna.

Kien imiss programm fuq barra u li rriżulta bħala l-aktar wieħed diffiċli dan il-għaliex l-kondizzjonijiet tat-temp ma kienux tajbin. Nhar il-Erbgħa 15 ta' Diċembru daqqejna f'Louvain-la-Neuve, l-post minn fejn ġejja l-banda u fejn konna alloġjati. Il-ħin kien l-4.30 ta' wara nofs in-nhar iżda l-kesħa tremenda li ħakmet il-Grand Place tal-lokal kienet xi ħaġa straordinarja. Il-bandisti bgħatew ħafna sabiex ħarġu l-aħjar esekuzzjoni possibbli f'dawk iċ-ċirkostanzi. Ta' dan ma nistgħax ma nirringrazzjahomx tal-impenn li wrew.

Pero' l-ġurnata l-aktar importanti għalina kienet dik tal-Ġimgħa 17 ta' Diċembru meta għall-ewwel darba fl-istorja Banda Maltija daqqet f'Dar Malta fi Brussell. U din il-Banda ma kienet ħadd hlief il-Banda Vittoriosana San Lawrenz. Kien il-programm tal-Milied li ġie organizzat għall-ewwel darba mill-Ambaxxata Maltija għall-komunità Maltija fi Brussell li llum tlaħħaq 'il fuq minn 500 ruħ.

Kien jum li jibqà mniżżel b'ittri tad-deheb fl-istorja tal-Banda glorjuża tagħna. Kuncert li kompla jikkonferma li l-Banda tagħna dejjem tkun minn tal-

ewwel f'inizjattivi ta' din ix-xorta. Taħt id-direzzjoni tal-bravu Surmast tagħna Paul Schembri l-Banda esegwiet programm li kien fih laqta ta' dan iż-żmien tal-Milied li l-pubbliku laqa tant tajjeb. Dan il-kunċert ingħata wkoll prominenza kemm fil-media lokali kif ukoll f'dik Belġjana.

Imma minbarra dawn it-tlett programmi matul din il-ġimgħa kellna diversi mumenti oħra. Konna grupp ta' 54 persuna li bħala kordinatur ta' din il-mawra ngħid b'wiċċi minn quddiem li ħriġt sodisfatt għall-aħħar bil-koperazzjoni li kien hemm minn kulħadd. Kemm matul it-tours organizzati, kemm fil-ħin liberu u f'ħinijiet oħra kulħadd kien kelma waħda, kuntent.

Ftit tal-ġranet ilu organizzajna ikla għal dawk kollha li ħadu sehem f'din il-mawra fil-Każin fejn erġjana ltqajna flimkien u kulħadd jirrakkonta l-esperjenzi tiegħu ta dik il-ġimgħa. U kulħadd beda jħeġġiġna sabiex nerġgħu mmorru x'imkien ieħor fil-futur bil-banda.

Aħna kuntenti li ktibna paġna oħra fl-istorja ta din is-Soċjetà Mużikali ewlenija fil-Birgu u waħda mill-ewlenin f'Malta. Kburin li s-sena 2010 tibqà imfakkra fejn il-Banda Vittoriosana San Lawrenz kienet l-ewwel banda li daqqet f'Dar Malta. U nassigurawkom li l-ħidma tagħna fi ħdan is-Socjetà u l-Banda tagħna ser jibqgħu għaddejjin sabiex l-isem tas-Soċjetà Mużikali Banda Vittoriosana San Lawrenz jibqà jinżamm fl-ogħla livell.

www.stlawrencebandclub.com

Il-Ban
tagħm
ġewwa

Il-Banda ddoqq f'Nivelles

Mument ta' riless

Il-Banda f'Louvain la Neuve

It-tfal ikantaw Xmas

Iż-żewġ Presidenti flimkien
mas-Surmastrijiet rispettivi u n-nisa tagħhom

da Tagħna
el suċċess
l-Belgju

ament waqt l-ikel

Carols mal-Banda

Il-Banda f'Dar Malta

L-Ambaxxatur jagħmel diskors tiegħu

Diskors mill-President f'Dar Malta

riċetta

Pulpetti tal-ġobon

Ingredjenti:

- 220g cheddar maħkuk
- 4 mgħaref sultana
- nofs kuċċarina mimsuħa melħ
- niskata bżar
- nofs kuċċarina Worchester sauce
- 4 imgħaref salad cream
- 4 tadamiet ċatti

Metodu:

1. Ħallat l-ingredjenti kollha flimkien u aqsam it-taħlita fi 8 porzjonijiet.
2. Gerbibhom fi blalen b'idejk nidjin.
3. B'sikkina taqta' ħafna aqsam kull tadama f'6 pero ħalli kull porzjon imwaħħla mat-tadama bħala bażi.
4. Ferrex ftit melħ u bżar u poġġi ballun fin-nofs tat-tadama, u tiġi qisha fjura.
5. Servi fuq il-weraq tal-ħass u qassam il-blalen tal-ġobon li jkun baqa' fuq il-ħass.

Il-Ħaxix

- Meta tkun se ssajjar il-ħaxix qattgħu żgħir ħalli jsir malajr u tiffranka l-gass jew l-elettriku.
- Meta tmur biex tixtri l-ħaxix, ħu dak li jkollu l-weraq tiegħu frisk u ħadrani.
- Meta tixtri t-tadam agħżlu aħmar u iebes. Jekk ma tkunx se tużah malajr ma jimpurtax billi tieħdu ftit ħadrani għax sakemm idum għandek jilħaq jiħmar. Dan jgħodd għal min jixtri ħafna biex ifittex u jsib.
- Jekk issib tadam zgħir u żenguli tajjeb li tmellħu. Kulma trid tagħmel hu, li tlestiażett kbir nadif, timsaħ u mhux taħsel it-tadam mit-trab u wara itfa' l-melħ għas-salmura. Għattih tajjeb u ħallih isir. Tadam immellaħ iservik ħafna.
- Pastarda li ma tkunx bajda u magħquda, anzi tibda tagħti qisu fl-aħdar, sinjal li ma tkunx friska.
- Biex il-ħaxix ma jitlifx mill-vitamini sajru bil-mod mhux fuq nar qawwi.

TAJJEB LI TKUN TAF

- **IL-BANANA** - Qaxxar il-banana min-naħa t'isfel u ma jkollokx għalfejn toqgħod tneħħi dawk il-ħjut minnha. Meta tixtri ftit banana u din tkun imwaħħla maz-zokk tagħha, ifred il-banana, għax jekk tħalliha flimkien maz-zokk, issir aktar malajr.
- **IL-ĠOBON** – Erfa' biċċiet kbar tal-ġobon fil-foil tal-fidda, biex il-ġobon jibqa frisk għal aktar ġranet u ma jimmuffax.
- **IL-BŻAR** – Il-bżar li jkollu tliet ħotbiet fil-qiegħ ikun ħelu u jkun tajjeb għall-ikel. Dak il-bżar li jkollu 4 ħotbiet fil-qiegħ ikun aktar sod u huwa aħjar biex issajru.
- **KUĊĊARINA ILMA** - Żid kuċċarina ilma meta tkun qed taqli l-ikkapuljat taċ-ċanga għax dan jgħin biex jaqla' l-grass minn mal-laħam huwa u jsir.
- **IT-TEWM** – Itfa' t-tewm fil-bidunett tar-riċetta jekk ma tridx li t-togħma tat-tewm tkun qawwija u jekk trid li t-togħma tat-tewm tkun qawwija żid it-tewm fl-aħħar.

Kumitat tas-Soċjetà Mużikali Banda Vittoriosana San Lawrenz għas-Snin 2011 - 2012

Presidenti Onorarji	L-Eċċ. Tiegħu Dr Ugo Mifsud Bonnici, L-Eċċ Tiegħu Fra John Edward Critien, is-Sur Joseph Scicluna, is-Sur Tony Cassar u s-Sur Lorenzo Zahra
Membru Onorarju	Is-Sur Ivan Scicluna
Kappillani Onorarji	Mons. Lawrenz Mifsud, Mons. Paul Raggio
Konsulent Legali	Dr Neville Camilleri
Kappillan	Wisq Rev. Kan. Arċipriet Joe Caruana
President	Lawrence V. Farrugia
Viċi Presdient	Anthony Gauci
Segretarju	Bjorn Callus
Kaxxier	Oscar Adami
Assistent Segretarju	Eugenio Pelicano
Assistenti Kaxxier	Charles Boxall
Delegat tal-Banda	Simon Farrugia
Arkivista	Chris Pisani
Deputat	John Pisani
Rappreżentanti tal-Membri	Joseph Schembri Franco Scicluna David Linwood John Attard Karmenu Scicluna
Rappreżentati fl-Għaqda Każini tal-Banda	Is-Sur Lawrence V. Farrugia, is-Sur Anthony Gauci
Direttur tal-Logħob	Joseph Schembri
Kuratur	Karmenu Scicluna
Surmast Direttur	Mro. Paul Schembri
Assistent Surmast	Mro. Ugo Buhagiar
Reviżuri	Is-Sur Lawrence Zahra, is-Sur Mark Bugeja

In-newsletter u lil hinn minnha

jikteb Paul Micallef

Is-soltu f'din ir-rubrika nintervista lil xi persuna, ħafna drabi mgħobbija biż-żmien, li jkollha ħafna xi tgħid dwar l-esperjenza tagħha marbuta mal-każin, il-Birgu, il-festa u suġġetti simili. Għal din id-darba fl-okkażjoni tal-ħarġa speċjali f'għeluq l-għaxar sena ta' din in-newsletter ħsibt li nintervista l-editur tagħha biex hekk insiru nafu iżjed dwar dan il-perjodiku bżonnjuż u interessanti.

Simon

Kif hemm miktub f'paġna oħra, l-editur hu Simon Farrugia. Għal dawk midħla tal-każin u għan-nies tal-Birgu, Simon m' għandu bżonn tal-ebda introduzzjoni pero` għar-rekord nikteb li Simon, li jiġi t-tifel tal-President tas-Soċjeta` tagħna Lawrence V. Farrugia, ilu d-delegat attwali tal-banda sa mis-sena 1990. L-ewwel kuntatt mal-banda kien bħala bandist, fil-fatt hu bandist propjetarju. Ilu fil-kumitat sa' mill-1988, kien anke fil-kumitat taċ-ċentinarju,wiehed mill-fundaturi tal-Wirja 'Getsemani' li ssir kull sena fil-każin, kif ukoll kien membru tal-Kumitat Festi Esterni San Lawrenz u anke għal xi żmien kien jieħu ħsieb il-ktejjeb tal-festa. Kien involut sew fil-mawra li l-banda tagħna għamlet riċentement ġewwa l-Belġju. Hu wkoll wieħed mill-preżentaturi ewlenin fil-qasam sportiv f'pajjiżna mal-istazzjonijiet tal-istat.

Bidu modest

Għalkemm fil-bidu r-responsabbilita` tan-newsletter għall-ewwel kienet f'idejn missier u oħt Simon, jiġifieri il-President Lawrence u Stephanie, hu kien diġa` fil-kumitat meta tressqet din il-proposta għall-perjodiku tal-każin. Għalhekk l-ewwel mistoqsija li staqsejt lil Simon kienet naturali; x'ġiegħel lill-Kumitat biex ivara din l-ideja u jimbarka fuq proġett simili. Simon weġibni li l-Kumitat ħass il-ħtieġa li jkun hemm medium fejn ikun hemm komunikazzjoni mal-membri u l-bandisti propjetarji. Għall-ewwel il-bidu kien modest tant li kienet biss b'erba' paġni u għal sitt snin sħaħ kienet issir bil-photocopy, pero` mill-ħarġa Nru 36, din bdiet tiġi stampata u llum insibu 16 il-paġna. In-newsletter toħroġ kull xahrejn u għalkemm kien hemm il-biża` li ma nkunux konsistenti bħala kumitat, dħalna għal din il-isfida u almenu s'issa qatt ma fallejna mill-appuntament u dejjem konna regolari u n-newsletter dejjem ħarġet, kompla jgħidli Simon b'sens ta' kburija għall-kisba tal-Każin. Anzi hu żied li jkun hemm ħarġa speċjali tal-festa u din tkun bil-kulur.

Public Relations

Simon kompla lin-newsletter hija biss item wieħed minn kullana ta' media li jservu bħala Public Relations tal-każin. Magħhom jistgħu jiġu nklużi l-Website kif ukoll programm kull ġimgħa fuq ir-Radju La Salle FM.

Il-Proċess

"B'mod konċiż tista' tgħidli x'jinvolvi x-xogħol tal-editur?" staqsejt lil Simon. "Il-proċess jibda billi jinġabar il-materjal li ġieli tkun problema kbira għax mhux kulħadd ikun puntwali biex jagħtini kitbietu" weġibni Simon bi tbissima li kienet tfisser botta għalija. "Wara l-proċess ikompli billi nara il-kitbiet, nagħtihom lill-istampatur, nagħmel l-ewwel proof reading, lura għand l-istampatur u jerġa' lura għandi għall-aħħar daqqa t'ghajn"

Simon kompla li bħalissa għandu għajnuna kbira mis-Segretarju Bjorn Callus. Kopji jiġu stampati madwar 300 li jitqassmu lill-membri tal-każin għalkemm il-kontributuri mhux bilfors ikunu membri tal-każin. Simon semma li fin-newsletter hemm kontributuri regolari bħal President tal-każin kif ukoll dawk li jiktbu l-paġna tan-nisa u anke l-kelma tal-avukat u naturalment kull min jixtieq jikteb, basta l-kitba tkun ta' livell, merħba bih jew biha.

Reklami

Element importanti ieħor hu l-finanzjament tan-newsletter. Anke hawn Simon saħaq li kif inhi il-policy normali tal-każin, is-soċjeta` ma toħroġx ewro iżda newsletter tiġi kompletament mifdija mir-reklami. Meta staqsejtu dwar ir-reklami Simon wieġeb li llum hi diffiċli biex tiġborhom u bħala inċentiv għandna skemi ta' reklami li jingħataw bħala pakkett għas-sena kollha.

Korrispondenza mal-editur

Lil Simon wara staqsejtu dwar ir-rokna tal-ittri lill-editur ħalli nara jekk issirx xi forma ta' ċensura. Hu weġibni li għalkemm in-newsletter tinqara minn ħafna, ftit ikunu dawk li jieħdu l-inizjattiva u jiktbu xi ittra lill-editur, u din normalment tkun bħala reazzjoni jew tweġiba ta' xi artiklu kontroversjali li jkun hemm. Simon hawn appella għal inqas biża' u iktar parteċipazzjoni. Dwar iċ-ċensura jekk is-suġġett ikun jahraq hu jikkonsulta mal-kumitat u jekk iħoss li jkun hemm xi ħaġa mhux f'postha jiddiskutu mal-awtur u wara jerfa' ir-responsabbilta`. "U l-kritika għall-każin taċċetaha?" staqsejt lil Simon. "Basta l-kritika tkun kostruttiva u l-għan tagħha tkun għal ġid tas-Soċjeta`."Anzi", żied Simon, "ninkuraġġuha, din hija sana u tagħmel il-ġid"

Meta staqsejtu li fl-assenza ta' perjodiku għall-Birgu, in-newsletter jista' jservi bħala speċi ta' gazzetta tal-lokal. It-tweġiba ta' Simon kienet finnegattiv għax hu sostna lis-suġġett ewlieni għandu jkun u għandu jibqa' l-każin u wara suġġetti li huma relevanti bħal-festa, n-nar, il-parroċċa eċċ.

Ħażna ta' Tagħrif prezzjuż

Simon kompla jgħidli li llum il-ġurnata fil-kollezzjoni tan-newsletter tas-soċjeta` tagħna matul dawn is-snin wieħed isib damma ta' kitba interessanti dwar l-istorja, folklor, tradizzjonijiet, persunaġġi kollha marbuta mal-Każin u mal-friegħi l-oħra. Insibu awturi ta' stoffa bħal Lino Bugeja, Anton Attard, Ġorġ Cilia, Lorenzo Zahra u oħrajn. Jekk wieħed jaqra l-artikli jista' jifforma l-istorja twila u glorjuża tas-Soċjeta` tagħna.

L-użu tal-Ingliż

Minħabba li kull ma jmur qed tiżdied l-komunita` li titkellem bl-ingliż fil-Birgu, jien staqsejt lil Simon hemmx xi ħsieb li mqar parti min-newsletter issir bl-ingliż. Għal din il-mistoqsija Simon wieġeb li iva jista' jkun isir hekk fil-futur.

Il-qarrejja

Għall-mistoqsija tiegħi dwar min jaqra n-newsletter Simon wieġeb li r-readership tagħha hu ferm ikbar min-numru li jiġi stampat. Hu semma kemm ġieli jsibuh persuni li jgħidu li qraw xi partijiet min-newsletter u jżommhom infurmati. L-istess kumment għamlu il-Ministru tal-Intern Carm Mifsud Bonnici li hu qarrej regolari tan-newsletter u lilu isservih biex iżomm ruħu aġġornat b'dak li qed jiġri fil-każin.

All in the family?

Għall-kumment tiegħi li hemm min jikkritika l-fatt li din in-newsletter issir prattikament minn persuni tal-istess familja, Simon wieġeb li jekk xi ħadd jew irid jieħu over hu jew irid jagħti daqqa t'id, kulħadd għandu postu u kulħadd merħba bih, jista' jkun tal-familja jew aħjar ikun barrani.

Futur

Meta tlabtu l-aħħar ftit kummenti dwar il-futur tan-newsletter, Simon jara ġejjieni sabiħ. Hu qal li bħala Kummissjoni trid tkompli taħdem ħalli mhux biss issaħħaħ dak li sar iżda anke ttejjeb l-prodott u tgħolli l-livell tan-newsletter li fakkar tinsab ukoll fuq il-website bħala pdf. Hu żied li għalkemm s'issa il-format kien attrajenti u l-kontenut interessanti xorta jilqa' suġġerimenti u lest jesperimenta.

Għeluq

Qabel ma sellimna lil xulxin fuq nota ħafifa, fakkart lil Simon li jien bħala kontributur regolari tan-newsletter billi nagħmel intervista ma' xi personalita`, s'issa kien hemm tlieta minn dawk li ntervistajt li llum ma għadhomx magħna. Għal dan il-fatt Simon qarras kemmxejn xufftejh u mill-espressjoni ta' wiċċu ma tantx ħa pjacir li qagħad għall-intervista tiegħi.

U hekk kif ħadna b'idejn xulxin xtaqt li sinċerament jgħidli, anke jekk it-tweġiba kellha tibqa' sigriet bejnietna, min fl-opinjoni tiegħu hu l-aħjar kontributur tan-newsletter. Għal din il-mistoqsija retorika hu tbissem u wieġeb.., it-tweġiba m'għandix għalfejn niktibha. Naħseb, anzi ċert li tafuha.

ATTIVITÀ GĦAX-XHUR TA' JANNAR U FRAR 2011

Is-Sibt 1 ta' Jannar	L-Ewwel tas-Sena 2011
l-Erbgħa 5 ta' Jannar	**Fis-6.00 pm** Programm fuq Radju Kottoner dwar il-mawra tal-Banda ġewwa l-Belġju
Il-Ħamis 6 ta' Jannar	Riċeviment tal-Milied tal-Għaqda Każini tal-Banda
Il-Ġimgħa 7 ta' Jannar	**Fl-10.00 am** Laqgħa tal-Kummissjoni Finanzi **Fil-5.00 pm** Final tas-Snooker Competition u preżentazzjoni tat-tazzi
It-Tlieta 9 ta' Jannar	**Fis-7.00 pm** Laqgħa tal-Kumitat Ċentrali
Il-Ġimgha 14 ta' Jannar	**Fis-6.00 pm** Laqgħa Ġenerali tal-Għaqda Każini tal-Banda dwar id-dokument tal-Festi Esterni
It-Tnejn 17 ta' Jannar	**Fis-7.00 pm** Laqgħa tal-Kummissjoni Attivitajiet Soċjali
It-Tlieta 18 ta' Jannar	**Fis-7.00 pm** Laqgħa tal-Kummissjoni Gimgħa Kbira
It-Tnejn 24 ta' Jannar	**Fis-7.00 pm** Laqgħa Ġenerali Mista
It-Tlieta 25 ta' Jannar	**Fis-7.00 pm** Laqgħa Ġenerali tal-Membri biex jaħtru parti mill-Kumitat
L-Erbgħa 26 ta' Jannar	**Fis-6.00 pm** Laqgħa Ġenerali tal-Bandisti u Membri Propjetarji biex jaħtru parti mill-Kumitat **Fis-7.00 pm** L-ewwel Laqgħa tal-Kumitat Ċentrali
Il-Ġimgħa 28 ta' Jannar	Ikla familjari fil-Każin
Il-Ħadd 30 ta' Jannar	**Fl-10.00 am** Laqgħa konġunta biex jinġabru l-fondi
It-Tnejn 31 ta' Jannar	**Fis-7.00 pm** Laqgħa tal-Kummissjoni Planċier
It-Tlieta 1 ta' Frar	**Fis-7.00 pm** Laqgħa tal-Kummissjoni Banda
Il-Gimgha 4 ta'Frar	**Fis-7.00 pm** Laqgħa tal-Kummissjoni Billiard
Is-Sibt 5 ta' Frar	**Fis-6.00 pm** Quddiesa għar-ruħ ta' Joe Gellel
It-Tlieta 8 ta' Frar	**Fis-7.00 pm** Laqgħa tal-Kummissjoni Proġetti u Manutenzjoni
L-Erbgħa 9 ta' Frar	**Fl-10.00 am** Laqgħa tal-Kummissjoni Finanzi
Il-Ħamis 10 ta' Frar	Festa Pubblika Nawfraġju ta' San Pawl Open Day - Snooker Knock Out Competition
It-Tlieta 15 ta' Frar	**Fis-7.00 pm** Laqgħa tal-Kumitat Ċentrali
Il-Ħamis 17 ta' Frar	Ħarġa ta' ġurnata għall-Membri u l-Ħbieb **Fis-6.00 pm** Quddiesa għar-ruħ Paul Attard Glivau
It-Tlieta 22 ta' Frar	**Fis-7.00 pm** Laqgħa tal-Kummissjoni Ġimgħa Kbira
Il-Ġimgħa 25 ta' Frar	**Fis-6.30** pm Laqgħa Ġenerali Annwali Għaqda Każini tal-Banda

MIFSUD GARAGE LTD.

IRONMONGERY

Għal dak kollu li wieħed ikollu bżonn għad-dar

56, La Vallette Street, Vittoriosa

Tel: 2180 7535

Tower Ladder

ta' 18-il Metru għall-Kiri

Irrikorru għand:

Paul Cilia

Mob: 9949 9623

Magic Prices

Carmel Street, Fgura

Prop. Kevin Agius

Fejn issib il-ħtiġijiet kollha tad-dar ***bi prezzijiet li ma jitwemmnux.***

Tel. 21 806039

S.V.S. LEISURES

The Entertainment Specialists !



AMUSEMENT MACHINE OPERATORS

- Air Hockeys
- American Billiards
- CD Juke Boxes
- Flipper Machines
- Full-size Snooker
- Kiddie Rides
- Simulators
- Table Soccer
- Video Games

... and all other amusement machines!

S.V.S. Leisures, Fort Road, Mosta MST 14
Tel: 21411184 / 21438999 - Fax: 21418824

Lehen is-Soċjetà Mużikali San Lawrenz

Lehen is-Soċjetà Mużikali San Lawrenz